# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1054/91 D1 NA**

**Joseph Oliver Ruggier**

**vs**

**Joseph Portelli u Anthony Brincat bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' "Portelli & Brincat Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur fl-24 ta' Settembru, 1991 illi permezz taghha l-istess attur ippremetta:-

Illi huwa xtara minghand is-socjeta' konvenuta 'tiles' tas-saqaf bil-prezz ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm728) illi kellhom jitqieghdu fid-dar tieghu f'Attard;

Illi s-socjeta' konvenuta kkonsenjatlu dawn it-'tiles' flimkien ma' accessorji li kienu jinkludu grampuni jew 'clips' li kellhom jintuzaw fit-tqeghid tal-istess 'tiles';

Illi dawn l-accessorji ma kienux idoneji ghall-uzu li ghalihom kienu intizi flimkien mat-'tiles';

Illi dawn it-'tiles' kienu ta' kwalita' inferjuri ghal dik pattwita;

Illi b'hekk is-socjeta' konvenuta naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet taghha ta' venditur u ikkagunat danni lill-attur;

Illi l-konvenuti nomine, debitament interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni baqghu inadempjenti;

TALAB lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni ikkagunati lill-attur bil-bejgh u l-konsenja ta' 'ceiling tiles' ta' kwalita' inferjuri ghal dak pattwit u ta' accessorji mhux idonei ghall-uzu tal-istess 'tiles';

2. tillikwida d-danni ikkagunati lill-attur okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri ufficjali datati 19 u 24 ta' Lulju, 1990 rispettivament kontra l-konvenuti nomine ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, l-elenku tad-dokumenti u d-dokumenti ipprezentati mill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenuti nomine illi permezz taghha l-istess konvenuti nomine eccepew is-segwenti:

1. Illi ghalkemm ic-citazzjoni giet intavolata fuq kawzali li l-eccipjenti fornew oggetti mhux tal-kwalita' pattwita, l-indoli vera tal-kawzali huwa l-vizzju okkult u ghalhekk billi si tratta ta' oggetti mobbli l-azzjoni hi dekaduta billi c-citazzjoni giet prezentata ferm wara l-perjodu impost mil-ligi.

2. Illi fil-meritu l-oggetti kunsinnati mill-attur huma tal-kwalita' pattwita u d-difetti lamentati huma b'rizultat ta' istallazzjoni zbaljata.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhiedaipprezentata mill-konvneuti nomine.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 1992 illi permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Marco Griscti biex jigbor il-provi u jirrelata.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju, 1994 illi permezz tieghu gie revokat dan l-inkarigu, kif ukoll id-digriet moghti fil-31 ta' Ottubru, 1994 illi permezz tieghu l-istess Dr. Marco Griscti gie reintegrat fin-nomina tieghu ta' perit legali bl-istess inkarigu u fakoltajiet filwaqt illi gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku biex jassisti lill-perit legali.

Rat ir-relazzjoni ipprezentata u mahlufa fis-seduta tad-19 ta' April, 1996 mill-perit legali Dr. Marco Griscti u l-perit tekniku A.I.C. David Pace.

Ikkunsidrat:-

Il-perit tekniku zamm tliet (3) accessi illi fihom gie kostatat illi s-soffitt, illi huwa maghmul minn kwadretti tal-'aluminium' ileqq, specjalment jekk tarah kontra d-dawl, kull 'panel' jidher migdum jew maqrus u whud mill-kwadretti kellhom daqqa fit-trufijiet, qishom ras ta' ponta, imqabbza' 'l barra, u in generali l-effett li nholoq huwa ikrah u jtellef mill-gost tas-soffitt billi dan jidher immakkjat u irregolari.

It-tezi tal-attur hija illi dan ir-rizultat huwa b'konsegwenza tal-fatt illi c-'ceiling tiles' lilu mibjugha u kkonsennati mis-socjeta' konvenuta ma kienux tal-kwalita' pattwita u li l-accessorji ossija l-'clips' ikkonsennati mill-istess socjeta' konvenuta sabiex jintuzaw ghall-istallazzjoni ta' dawn is-'ceiling tiles' ma kienux idonei ghal dan l-iskop.

Min-naha taghhom il-konvenuti jsostnu illi d-difett ezistenti fis-soqfa miksija b'dawn is-'ceiling tiles', liema difett gie kostatat ukoll mill-periti nominati mill-Qorti, kien unikament b'rizultat ta' istallazzjoni zbaljata.

In sostenn tat-tezi tieghu l-attur xehed huwa stess u pproduca bhala xhud lil certu Victor Dye illi kien il-persuna minnu inkarigata biex iqieghed is-soffitt ‘de quo’.

L-attur xehed illi meta huwa qal lill-konvenuti illi s-soffitt kien se jwahhlu Victor Dye dawn qalulu li l-imsemmi Dye gie li kien hadem xoghol ghalihom. Qal ukoll illi meta kien mar jara x-xoghol dan kien kwazi lest u mill-ewwel ma kienx ghogbu u meta kellem lil Dye dan fil-fatt ikkonfermalu illi kien induna bl-ghafsiet illi kien hemm fil-‘panels’. L-attur qal ukoll li meta staqsa lil Dye ghaliex kompla jwahhal ix-xoghol xorta wahda dan ma wiegeb xejn.

Ix-xhud Victor Dye qal illi kull fejn kien hemm ‘clip’ kien hemm ghafsa ‘l barra, qisha ponta, pero ma kienx jaf x’kien ikkawzahom, pero setghet tkun wahda minn zewg ragunijiet – jew il-gnub tal-‘panels’ kienu qosra wisq u ghalhekk il-‘clip’ inghafset mal-faccata tal-‘panel’ minn gewwa, jew inkella l-‘clips’ kellhom ix-xfar angolati ‘l isfel wisq u gew imissu mal-faccata tal-‘panel’ minn wara. Huwa ikkonferma pero illi l-‘panels ma kienux immakkjati qabel twahhlu.

Min-naha l-ohra xehed Paul Zammit, ‘general manager’ mas-socjeta’ konvenuta, li sostna li meta kien mar ghand l-attur kien sab hemm lil Victor Dye u malli huwa ra s-saqaf mill-ewwel qallu li s-soffitt kien “migdum” u Dye staqsih x’seta’ ikkawza dan.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali fis-sens illi hija verosimili t-tezi tal-konvenuti nomine u cioe’ li l-pressjoni tal-molla ma kienitx regolata ghall-htiega tal-materjal uzat, u b’hekk gew kawzati d-difetti lamentati fis-soffitt. Tali fatt zgur li ma jistax ikun imputabbli lill-konvneuti nomine ghaliex dawn ipprovdew biss il-materjal u “id-difett kien fil-mod kif gie ezegwit it-tqeghid tal-panewwijiet fil-‘clips’” (a fol. 73 tal-process).

Il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m’ghandhiex takkolji u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali.

> "*Il-Qorti trid tghid mill-ewwel illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku, dan ma taghmlux.*" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - "Bonett vs Lewis" - 1/3/94).

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici qeghdin jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur salv ghall-ispejjez tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine, liema eccezzjoni, mill-provi prodotti, hija legalment u fattwalment insostenibbli u ghalhekk l-ispejjez ta' din l-eccezzjoni ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.